MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-13 ta’ Marzu, 2024

Appell Inferjuri Numru 20/2023 LM

**Chantelle Attard (K.I. nru. 386589M)**
*(‘l-appellata’)*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*(‘l-appellant’)*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**, [minn issa ’l quddiem ‘l-appellant’], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali [minn issa ’l quddiem ‘l-Arbitru’], fis-16 ta’ Ġunju, 2023 [hawnhekk ‘id-deċiżjoni appellata’], li permezz tagħha l-Arbitru laqa’ l-appell tar-rikorrenti **Chantelle Attard (K.I. nru. 386589M)** [hawnhekk ‘l-

appellata'], fejn hija kienet qiegħda tappella mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat tat-28 ta' Diċembru, 2020.

## Fatti

2. Permezz ta' ittra mibgħuta lir-rikorrenti bid-data tat-28 ta' Diċembru, 2020, hija ġiet infurmata mid-Direttur Ġenerali intimat li l-applikazzjoni tagħha għall-Għajnuna Soċjali ġiet mistħarrġa, u ġie deċiż li hi mhijiex jew m'għadhiex aktar intitolata għal din l-għajnuna, għaliex id-Direttur Ġenerali intimat ma kienx sodisfatt li hija mhijiex impenjata f'attività kummerċjali, jew li hija mhijiex iċċaħħad lilha nnifisha minn introjtu. Ir-rikorrenti ġiet infurmata wkoll li, f'każ li ma taqbilx mal-kontenut ta' din l-ittra, hija kellha d-dritt li tappella mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat permezz ta' rikors quddiem l-Arbitru.

3. Id-Direttur Ġenerali intimat ippreżenta kopja tar-rapport imħejji mill-Ispetturi tad-Dipartiment wara li dawn għamlu spezzjoni għall-għarrieda fil-fond li fih tgħix ir-rikorrenti flimkien ma' ommha u żewġ uliedha minuri, minn liema spezzjoni rriżulta li filwaqt li l-uffiċjali tad-Dipartiment kienu konvinti li fil-fond ma kien hemm l-ebda raġel jgħix mar-rikorrenti, fl-istess waqt fil-fond instabu attrezzaturi u ċertifikati li jindikaw li r-rikorrenti qiegħda taħdem bħala *nail technician.*

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-16 ta' Ġunju, 2023, l-Arbitru ddeċieda li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat tat-28 ta' Diċembru, 2020 hija nulla,

u kkonkluda li ma kienx hemm provi suffiċjenti li juru li r-rikorrenti kienet involuta f'attività kummerċjali, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"L-Arbitru*
>
> *Ra l-appell;*
>
> *Ra d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali;*
>
> *Ra r-risposta tad-Dipartiment;*
>
> *Ra d-dokumenti eżebiti u sema' x-xhieda;*
>
> *Illi dan il-każ hu bbażat fuq dak li xehdu l-Ispettur mid-Direttorat għall-Għajnuna Finanzjarja u Investigazzjonijiet u senjatament ir-rapport minnhom esebit tal-14.02.2020;*
>
> *Illi mill-imsemmi rapport l-Ispetturi esebew kopja fotostatika ta' dak li jidher li jista' jiġi meqjus bħala reklam għal servizz ta' dwiefer;*
>
> *Illi fl-opinjoni tal-Arbitru l-Investigazzjoni tal-Ispettur f'dan il-każ kienet waħda timida wisq u dan għaliex minn informazzjoni mogħtija fil-*printout *esebita, l-Ispetturi setgħu faċilment jagħmlu eżerċizzju ferm iżjed żelus minn dak li effettivament għamlu;*
>
> *Minkejja li l-kontenut taż-żewġ* prints *esebiti jista' jwassal biex wieħed jislet inferenza ta' attività kummerċjali, prova waħda li tikkristallizza din l-attività ma nġabitx;*
>
> *Illi l-Arbitru jsibha diffiċli li jserraħ u jimmotiva d-deċiżjoni fuq argumenti spekulattivi. Li kieku almenu nġiebet prova ta' mqar klijent wieħed biss il-kwistjoni kienet tkun waħda differenti. Fl-assenza ta' din il-prova l-Arbitru jqis li sempliċi* printout*, kif esebit ma hijiex prova suffiċjenti ta' attività kummerċjali.*
>
> *Għal dawn il-motivi, l-appell qed jiġi milqugħ."*

## L-Appell

5. Id-Direttur Ġenerali intimat ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni, u interpona appell minnha permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fl-14 ta' Lulju, 2023, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni

id-deċiżjoni appellata tal-Arbitru, u tgħaddi sabiex tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tat-28 ta' Diċembru, 2020.

6. L-appellant spjega li l-aggravju tiegħu huwa ċar u manifest għaliex fil-fehma tiegħu, l-Arbitru naqas milli jagħmel apprezzament tajjeb tal-provi miġjuba quddiemu, u ma applikax b'mod korrett il-liġi in kwistjoni. L-appellant spjega li l-appellata kienet qiegħda tirċievi l-Għajnuna Soċjali. Wara rapport anonimu, kienet saret spezzjoni fid-dar tal-appellata, fejn irriżulta li kien hemm kamra attrezzata bħala *nail technician salon,* b'attrezzaturi bħal *nail lamps, nail drill electric machine, LED lamp* u *nail arm rest cushion, nail polish organiser* u numru ta' xkafef mimlija b'ammont sostanzjali ta' fliexken żgħar tan-*nail polish.* L-appellant qal li kemm omm l-appellata, kif ukoll l-appellata, waqt konverżazzjoni telefonika li kellhom mal-Ispetturi, ċaħdu li l-appellata kienet qiegħda taħdem bħala *nail technician,* u qalu li din kienet tagħmel id-dwiefer bħala *hobby* għal xi ħbieb, u hija qatt ma kienet tirċievi flus għal dan ix-xogħol. L-appellant qal li huwa għamel riċerka *online*, minn fejn irriżultalu li fuq il-paġna tal-*facebook* tal-appellata, kien hemm numru ta' ritratti ta' persuni li juru xogħol lest fuq dwiefer ta' persuni differenti, u kummenti fuq dawn ir-ritratti. Qal li kien hemm kumment tal-appellata bid-data tat-8 ta' Mejju, 2020 li fih infurmat lill-klijenti tagħha illi "*Pre-bookings for June open cu soon my lovely clients*", u b'kumment ta' persuna li talbitha tibbukkjaha. Qal li fit-28 ta' Diċembru, 2020 huwa bagħat jinforma lill-appellata li ma kinitx għadha intitolata aktar għall-Għajnuna Soċjali, għaliex id-Direttur Ġenerali ma kienx sodisfatt li hija ma kinitx involuta f'attività kummerċjali, jew li hi ma kinitx qiegħda ċċaħħad lilha nnifisha

minn xi introjtu. Qal li l-appellata ma qablitx ma' din id-deċiżjoni u interponiet appell minnha.

7. L-appellant qal li l-ġudizzju tal-Arbitru kien wieħed żbaljat. Qal li mill-provi jirriżulta li kien sar rapport anonimu li l-appellata kienet qiegħda tgħix mas-sieħeb tagħha, u li hija taħdem bħala *nail technician* mid-dar. Qal li saret spezzjoni fir-residenza tagħha fil-preżenza ta' ommha, fejn ġie stabbilit li kien hemm kamra li kienet attrezzata bħala *nail salon.* Qal li meta l-appellata ġiet mitkellma, hija ċaħdet li qiegħda taħdem, iżda qalet li l-arti fuq id-dwiefer huwa delizzju tagħha, u li hija sempliċement tagħmel dan ix-xogħol fuq xi ħbieb tagħha u membri tal-familja, mingħajr ma tirċievi ħlas. L-appellant qal li sussegwentement saret riċerka *online* dwar l-appellata, fejn ġew skoperti diversi ritratti b'kummenti li kienu jikkuntrarjaw iċ-ċaħdiet kollha li għamlet l-appellata. Qal ukoll li m'hemm l-ebda kontestazzjoni li l-appellata kienet tellgħet ritratti fuq il-paġna tagħha, u li hija kienet irreklamat dan is-servizz. L-appellant qal li għalhekk ma jistax jaqbel mal-ġudizzju tal-Arbitru li f'dan il-każ il-provi miġjuba minnu huma timidi wisq, u fakkar li fi proċeduri ta' din ix-xorta l-oneru tal-prova huwa fuq min jitlob l-għajnuna. Qal ukoll li dan l-obbligu ma jieqafx meta tittieħed id-deċiżjoni tiegħu, iżda dan l-obbligu jestendi wkoll għaż-żmien li fih ikunu qegħdin isiru l-proċeduri ġudizzjarji quddiem l-Arbitru. Qal li dawn huma proċeduri kontenzjużi, u għalhekk min jallega jrid jipprova. L-appellant saħaq li għalhekk kien jinkombi fuq l-appellata li tipprova li hija ma kinitx qiegħda taħdem bi qligħ, u dan a tenur ta' dak li jipprovdi l-artikolu 30 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li meta persuna tkun qiegħda taħdem bi qligħ, dan jista' jaffettwa l-intitolament tagħha għall-għajnuna soċjali, u minkejja li ma

kienx jinkombi fuq id-Dipartiment li jtella' jixhdu persuni li talbu appuntament mal-appellata, kien jinkombi fuqha li tressaq lil dawn il-persuni bħala xhieda. Qal li huwa ma ppreżentax biss *printouts* minn fuq il-paġna tal-*facebook* tal-appellata, iżda l-ispetturi tiegħu raw din il-kamra kif kienet attrezzata, u li ma kien hemm l-ebda dubju li din kienet qiegħda tintuża għall-fini ta' attività kummerċjali. Qal ukoll li l-appellata kienet qiegħda tirreferi għall-persuni li jużaw is-servizzi tagħha bħala 'klijenti', irreklamat is-servizz tagħha fuq *facebook,* u anki infurmat lil kulħadd li kienet qiegħda tieħu l-*bookings* għal wara Ġunju. Qal li għalhekk id-deċiżjoni tal-Arbitru hija waħda irraġonevoli għaliex kollox jindika li anki fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, l-appellata kienet qiegħda tagħmel xogħol bil-moħbi. Qal li anki li kieku l-appellata kellha titwemmen li hija qiegħda tagħmel dan ix-xogħol bħala delizzju, dan xorta waħda jfisser li hija qiegħda ċċaħħad lilha nnifisha minn introjtu sabiex tkun tista' tirċievi l-benefiċċji soċjali, għaliex hija setgħet tagħżel li minflok tieħu l-għajnuna soċjali, taħdem bi ħlas, flok toqgħod tagħmel id-dwiefer tan-nies bla ħlas.

8. L-appellata ma ressqet l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellant.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressqa mill-appellant fl-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata. L-appellant jikkontendi li l-Arbitru naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-provi li kellu quddiemu, partikolarment meta qies li l-provi miġbura mill-appellant u li fuqhom sejjes id-deċiżjoni tiegħu, huma "timidi" u ma jwassluhx għall-konvinzjoni li l-appellata qiegħda tinvolvi ruħha

f'attività kummerċjali jew qiegħda ċċaħħad lilha nnifisha minn introjtu sabiex tkun tista' tibqa' tirċievi l-Għajnuna Soċjali.

10. Il-Qorti tqis li għandu jirriżulta li l-Arbitru m'għamilx apprezzament korrett tal-provi kollha li ġew ikkonsidrati mill-appellant qabel dan ħa d-deċiżjoni finali tiegħu. Dan għaliex filwaqt li l-Arbitru qies li l-provi miġbura mill-appellant kienu jikkonsistu biss f'*"kopja fotostatika ta' dak li jista' jidher li hu reklam għal servizz ta' dwiefer"*, fil-verità, il-provi li ġew ikkonsidrati mid-Direttur Ġenerali appellant kienu ferm aktar minn hekk, u jinkludu r-rapport li sar minn Spetturi tal-istess Dipartiment li marru fid-dar tal-appellata u sabu kamra attrezzata bħala *nail salon,* b'diversi oġġetti li jintużaw fix-xogħol relatat mad-dwiefer u l-arti li ssir fuqhom, inkluż ammont sostanzjali ta' fliexken bin-*nail polish,* u ċertifikati li juru li l-appellata hija kkwalifikata bħala *nail technician.* Iżda l-aktar prova lampanti li tindika li l-appellata kienet qiegħda tipprovdi s-servizzi tagħha bħala *nail technician,* huwa messaġġ li hija ħalliet fuq il-mezzi soċjali tagħha, fejn tellgħet xi ritratti ta' xogħol ta' arti fuq id-dwiefer u fejn f'Mejju tal-2020 avżat lill-"klijenti" tagħha li kienet qiegħda tieħu "*pre-bookings for June".* Il-Qorti tosserva li dan kien iż-żmien li fih bosta negozji kienu magħluqa minħabba fl-effetti tal-pandemija tal-COVID-19, u f'Mejju tal-2020 kienu ngħataw l-ewwel indikazzjonijiet li n-negozji li kienu ngħalqu sabiex jiġi evitat it-tixrid tal-mard, kienu ser jinfetħu mill-ġdid f'Ġunju tal-istess sena. Kien għalhekk li l-appellata tellgħet dak il-*post* fuq il-*facebook* tagħha sabiex tinforma lill-klijentela tagħha li s-servizzi tagħha kienu ser jinbdew mill-ġdid wara li hi, bħal bosta negozji oħra, kienet kostretta tagħlaq għal xi żmien. Il-Qorti għalhekk tqis li mill-provi in atti jirriżulta li l-appellata kienet involuta f'attività

kummerċjali. Hawn hekk il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-appellant, li anki jekk għas-saħħa tal-argument, l-appellata kienet qiegħda tagħmel dan ix-xogħol mingħajr ħlas, dan ikun ifisser li hija kienet qiegħda ċċaħħad lilha nnifisha minn introjtu bil-ħsieb li tkun tista' tibqa' tirċievi l-għajnuna soċjali.

11. Il-Qorti taqbel ukoll li kien jinkombi fuq l-appellata li tipprova li hija għandha tibqa' titqies bħala benefiċjarja tal-għajnuna soċjali, u li fil-fatt hija la taħdem bi qligħ u lanqas m'hija ċċaħħad lilha nnifisha minn introjtu sabiex tkun tista' tibqa' tirċievi l-għajnuna soċjali.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti sejra tilqa' l-appell tal-appellant, u tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tat-28 ta' Diċembru, 2020.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tilqgħu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tal-appellant tat-28 ta' Diċembru, 2020.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri fiż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**